TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 551/10

**Clayton Micallef**

**vs**

**Sandro Bonnet**

Illum 9 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti prezz ta' qattus li ma kienx *pedigree.*

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara qattus bil-kundizzjoni li kien bil-*pedigree* u li fil-fatt ma rriżultax li kien *pet* bil-*pedigree.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta u għalhekk ifisser li mhux qed joġġezzjona għat-talba tar-rikorrenti.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tiegħu hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat, u b'dan illi l-qattus jibqa' għand ir-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**